MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru. 1339/2006

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Mario Tonna)**
**vs**
**Christopher Borg**

**Illum, 29 ta' Dicembru, 2006**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni mahruga mill-Pulizija kontra Christopher Borg ta' 30 sena, iben Alfred u Margaret nee' Ciantar, imwieled Pieta fl-10 ta' Dicembru, 1975 u joqghod gewwa l-fond numru 1, Triq Santa Filumena, Kalkara u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 1276(M) fejn gie akkuzat talli:

F'diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin, u cioe' nhar is-26 ta' Dicembru, 2006 ghal habta tas-siegha neqsin sbatax-il minuta ta' wara nofs inhar (12:43) u fil-granet ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxijhom u cioe' apparat ta' 'stereo' tal-marka Kenwood a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai termini ta' l-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul ix-xhur ta' Ottubru 2006 u Novembru 2006 u fil-granet ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxijhom u cioe' apparat ta' 'stereo' tal-marka Clarion a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai termini ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet id-dikjarazzjoni ta' htija ta' l-imputat wara d-debiti kawteli;

Rat l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq l-iskorta ta' din id-dikjarazzjoni ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi u cioe' talli:
F'diversi postijiet fil-Gzejjer Maltin, u cioe' nhar is-26 ta' Dicembru, 2006 ghal habta tas-siegha neqsin sbatax-il minuta ta' wara nofs inhar (12:43) u fil-granet ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxijhom u cioe' apparat ta' 'stereo' tal-marka Kenwood a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai termini ta' l-artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli matul ix-xhur ta' Ottubru 2006 u Novembru 2006 u fil-granet ta' wara xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxijhom u cioe' apparat ta' 'stereo' tal-marka Clarion a detriment ta' sid mhux maghruf u dan ai termini ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li dan hu l-ewwel reat ta' l-imputat;

Tilliberah taht il-provediment ta’ l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

A tenur ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna illi l-atti flimkien ma’ kopja ta’ din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikolu 401 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------